MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Numru 244/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Abraham Zammit)**

**vs**

**Michael Zahra ta' 27 sena, iben Alfred**
**u Mary imwielda Spiteri, Pieta**
**fit-22 ta' Settembru, 1971,**
**u joqghod 41, Triq il-Kampnar, Bormla,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 440071 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Michael Zahra li gie akkuzat talli fit-28 ta' Novembru, 1998, ghall-habta tat-3.00 p.m. ikkommetta serq ta' CB Radio minn van numru

LVY-153, waqt li kien ipparkjat f'St Francis Street, Fgura, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi Lm 100 izda mhux aktar minn Lm 1000, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-detriment ta' Louis Pace ghal Mexico Garage u Emmanuel Rizzo mill-Fgura,

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom,

Fl-ahhar akkuzat ukoll talli huwa recidiv b'sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell datati 9 ta' Lulju, 1992, 26 ta' Jannar, 1995, u 14 ta' Frar, 1997, b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ta' Malta Awla E nhar it-22 ta' Mejju, 1990, Awla 14 nhar l-4 ta' Lulju, 1995, Awla 9 nhar l-4 ta' Settembru, 1995, Awla 8 nhar l-1 ta' Novembru, 1996, u Awla 11 nhar is-16 ta' Dicembru, 1997.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkonsidrat

Illi kif jirrizulta mill-atti processwali Michael Zahra inqabad b'radio misruq mkebbeb u mqieghed gewwa basket, liema stereo hu skond dak li qal fl-istqarrija kien sejjer ibiegh. Fl-istess stqarrija Zahra ammetta anke li meta hu xtara r-radio in kwistjoni kien jaf li kien misruq u dan meta qal b'mod anke kontradittorju "Mhux kont naf li misruq, pero' minghajr karti u rhis tigi wahedha" (vide stqarrija Dok EC a fol 22).

Aktar tard fil-mori tal-kawza u ghal aktar minn okkazjoni wahda, Michael Zahra wera x-xewqa li jammetti ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Fil-fatt Zahra nghata anke diversi differimenti in kwantu hu ma kienx assistit meta ried fil-fatt ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk in vista ta’ tali ammissjoni u wara li rat l-atti kollha tal-process issib lil Michael Zahra hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 267, 271, 279, 334 bl-assorbiment ta’ l-artiklu 334 gor-reat ta’ serq aggravat, 49, 50, 17, 31, 20, 279, 280, rat ukoll il-fedina penali ta’ l-akkuzat, ikkonsidrat anke dak li xehdet Josette Camilleri. Ghaldaqstant qeghda tikkundanna lil Michael Zahra ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur tenut kont tal-programmi li jidher li ghamel l-istess akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------